SENA ILU MIET...

# Monsinjur Fortunato Mizzi – il-fundatur tal-MAS

Raymond Miceli

Fortunato P. Mizzi, jew Dun Fortunat kif bosta kienu baqgħu jafuh anki wara li sar Monsinjur, kien l-iben uniku ta' Nerik Mizzi, politiku li serva wkoll bħala Prim Ministru u Bice xebba Vassallo, pjanista bint il-kompożitur Paolino Vassallo.

Twieled il-Belt fil-25 ta' Lulju 1927 u ismu propju qabel daħal għal ħajja reliġjuża kien Natalino. Il-parrina tiegħu kienet Teresa Parlar, mara filantropa u mistika li kienet tiġi zitu, li mietet inqas minn xahar wara, fit-12 ta' Awwissu. Dun Fortunat kien baqa' jemmen ħafna biha u kien jieħu ħsieb jistampa u jxerred santa b'talba dwarha.

Missier Dun Fortunat, Nerik, kien diġà involut sew fil-politika, ħaġa li wiret ukoll mingħand missieru. Wirt ukoll tan-nannu ta' Dun Fortunat, kienet l-istamperija tal-gazzetta 'Malta', fi Triq Zekka kantuniera ma' Triq San Mark, fil-Belt, fil-post li eventwalment sar il-kwartier tal-Moviment Azzjoni Soċjali (MAS) li waqqaf Dun Fortunat fl-1955.



Natalino, aktar tard Dun Fortunato Mizzi (1927-2017)

Nerik Mizzi kien propju f'dan il-bini meta fit-30 ta' Mejju 1940, hekk kif kienet tinħass eminenti l-bidu tal-involviment ta' Malta fit-Tieni Gwerra Dinjija, safa arrestat u internat flimkien ma' 47 Malti ieħor minħabba li allegatament kellu simpatiji Taljani. Tajjeb wieħed jiftakar li Natalino (aktar tard Dun Fortunat) kien għad għandu biss 12-il sena, kważi 13. Eventwalment ħafna mill-internati fl-1942 ttieħdu l-Uganda u waslu lura Malta f'Marzu 1945. Issa Dun Fortunat kellu 17-il sena qrib it-18, u kien wasal biex jidħol is-Seminarju biex iħejji ruħu għall-ħajja reliġjuża.

Wara l-istudji ta' Fortunat fis-Seminarju Minuri, daħal l-Università ta' Malta u fl-1952 ggradwa b'liċenzjat fid-divinità. Kien ukoll f'din is-sena li kien ordnat saċerdot. Fost dawk li kienu wkoll l-Università, iżda fi snin differenti kien hemm il-Ħamruniż Joe Felice Pace, li 'l quddiem ħadem għal diversi snin qrib Dun Fortunat fi ħdan il-MAS, kemm fis-snin li kien saċerdot u anki wara meta ma baqax.



Dun Fortunat Mizzi (fin-nofs) meta ġie inawgurat monument għal missieru quddiem il-Konkatidral ta' San Ġwann. Jidhru wkoll, fost oħrajn, Ġorġ Borg Olivier u l-Ministri Antonio Paris u Carmelo Caruana

Felice Pace jiftakar li inizjattiva ta' Natalino fi żmien l-Università u anki fil-ftit snin ta' wara qabel ma twaqqfet il-MAS kienet l-Istudents Missionary League li kienet taħdem biex studenti anki lajċi jinteressaw ruħhom fil-missjoni. Il-futur Dun Fortunato kellu lil zijuh, ħu missieru, Fr Angelo Mizzi, missjunarju fl-Indja.

Wara l-ordinazzjoni tiegħu nħatar Assistent Direttur tal-Istitut ta' San Ġakbu, fil-Belt.

### L-Arċisqof Gonzi japprova dak li kellu f'moħħu

Bla dubju ta' xejn l-akbar ħidma ta' Dun Fortunat kienet il-MAS li twaqqfet fid-19 ta' Marzu 1955. Kienet tinħass il-ħtieġa ta' Moviment bħal dan, li fid-dawl tal-vanġelu, jħeġġeġ għal soċjetà aktar ġusta b'mod konkret. Tkellem mal-Arċisqof Gonzi x'kellu f'moħħu u qallu li xtaq li l-MAS ikun indipendenti mill-Knisja, anki jekk ispirata mit-tagħlim Kattoliku. Dan tah il-'go ahead'.

Mhux kulħadd ħares lejha b'mod pożittiv. Pereżempju l-GWU ma tantx laqgħet il-fatt li kien hemm min se jidħlilha fl-għalqa. Fost oħrajn il-MAS waqqaf żewġ unions ġenerali, il-Workers and Family Union u l-Female Employees Union. Snin wara dawn iż-żewġ unions saru jiffurmaw parti mill-UĦM.

Fost oħrajn, il-MAS ħadem sfieq dwar il-problema tal-housing, il-kundizzjonijiet tax-xogħol tan-nisa, fosthom ta' infermiera, dawk tal-fabbriki u tal-ħwienet li bosta drabi kien ikollhom sigħat ta' xogħol twal wisq u ħlas mhux daqs tal-irġiel, il-koperattiva għall-bdiewa u s-sajjieda.

> "Ħadem fi ħdan id-djoċesi u għalkemm ikun determinat f'dak li jrid jilħaq, qatt ma għolla rasu u baqa' dejjem jaħdem fost in-nies u jisma' dak li għandhom xi jgħidu

### Korsijiet dwar diversi suġġetti

Fil-bidu tas-sebgħinijiet kien irranġa biex grupp ta' tfajliet mill-għejjer Maltin imorru jaħdmu fil-Ġermanja. Kien jorganizza ġbir ta' fondi biex tfal ta' mezzi limitati jkunu jistgħu jieħdu safra, li hi mezz ta' rikreazzjoni u edukazzjoni fl-istess ħin. Waqqaf iċ-Ċentru għall-Istudji Soċjali. Kienu jorganizzaw korsijiet dwar diversi suġġetti, fosthom dwar il-ġurnaliżmu.

Għal numru ta' snin l-organu tal-Moviment, Il-Qawmien, li beda bħala rivista, kien mhux biss il-vuċi tal-Moviment iżda wkoll tal-ħtiġiet tal-poplu. Kien hemm żmien meta, bħala gazzetta, din kienet toħroġ darba fil-ġimgħa, il-Ħadd.

Dun Fortunat kien rispettat ferm anki barra minn xtutna. Ġab fondi għall-proġetti tiegħu, l-aktar minn Paderborn fil-Ġermanja. Beda l-kuntatti ma' Caritas International fil-bidu tas-sittinijiet li anki eventwalment wassal biex fl-1968, bis-sehem ukoll tas-Segretarjat Assistenza Soċjali tal-Azzjoni Kattolika, titwaqqaf Caritas Malta u Dun Fortunat ikun l-ewwel direttur tagħha. Fuq kollox dejjem kellu wkoll relazzjoni tajba mal-Arċisqfijiet ta' Malta, ħadem fi ħdan id-djoċesi u għalkemm ikun determinat f'dak li jrid jilħaq, qatt ma għolla rasu u baqa' dejjem jaħdem fost in-nies u jisma' dak li għandhom xi jgħidu.

Ħa ħsieb iwaqqaf Studia Editions, fetħet stamperija tal-MAS fir-Rabat. Ittraduċa għall-Malti d-dokumenti kollha tal-Konċilju Vatikan II. Twaqqfet ukoll fergħa tal-Moviment f'Għawdex.

### Il-pluraliżmu fix-xandir u Radju MAS

Kien jemmen fil-mezzi tal-kommunikazzjoni, u sa qabel ma daħal il-pluraliżmu fix-xandir, kien talab għal liċenzja biex jittrasmetti bir-radju. Għall-bidu ma ttieħidx bis-serjetà. Eventwalment f'Ottubru 1994 kien fetaħ Radju MAS, anki jekk fuq frekwenza (103.7 FM) li ma kenitx kompletament tal-MAS, għax kienet maqsuma bejnu u bejn l-Università. L-istazzjon eventwalment għalaq f'Novembru 2001 meta kienet se tiskadi l-liċenzja u r-regolamenti kienu jgħidu li wieħed irid jerġa' japplika daqslikieku kienet l-ewwel darba, ħaġa li kienet tfisser spiża ta' xi Lm10,000.

Filwaqt li l-mutur għal dan kollu dejjem kien Dun Fortunat, naturalment il-MAS ma kienx ħidma ta' persuna waħda waħidha. Fost id-diversi kollaboraturi tiegħu wieħed jista' jsemmi lil Carmelina Debono, Marian Carabott, Joe Felice Pace, Fr Joe Brincat u Georgina Cachia.

### Fondazzjoni

Fuq inizjattiva ta' Dun Fortunat fl-2010 twaqqfet fondazzjoni biex tieħu ħsieb l-arkivju privat magħmul mill-karti u dokumenti tal-familja... nannuh, missieru, ommu u tiegħu. Il-Bord tal-Gvernaturi attwali hu kompost minn Adrian Delia bħala l-President, filwaqt li l-membri huma David Agius, Robert Arrigo, Clyde Puli, Kristy Debono, Louis Galea, Jevon Vella, Denise Ellul u Charles Farrugia. Is-Segretarju tal-Fondazzjoni hu Richard Muscat.

Il-pajjiż irrikonoxxa ħidmietu billi fl-2000 għamlu Membru tal-Ordni tal-Mertu. Il-Knisja wkoll, fid-disgħinijiet ħatritu Monsinjur, anki jekk għal bosta baqa' dejjem Dun Fortunat.

Miet nhar it-8 ta' Settembru 2017 wara xi snin fid-Dar tal-Kleru f'Birkirkara. Għaddiet sena. Wieħed jistaqsi: Għad hawn lok għall-Moviment Azzjoni Soċjali? Se jsir xi ħaġa biex jibqa' ħaj? Jew sfortunatament ladarba naqas Dun Fortunat, kollox se jieqaf miegħu?

### Jitfakkar

Għada fuq Radju Malta 1 fid-9.30am, il-preżentatur radjufoniku Tony Micallef, li inċidentalment għal xi snin kien Teżorier tal-MAS, se jfakkar l-ewwel sena mill-mewt ta' Fortunato Mizzi permezz ta' programm li fih se jagħtu s-sehem tagħhom tnejn min-nies li kienu jafuh mill-qrib: Fr Joe Brincat u Mary Buttigieg.

*Ta l-kontribut tiegħu biex stajt nikteb dan l-artiklu Joseph Felice Pace*